**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Daniela Busuttil Micallef u Sean Busuttil

vs

GlobalTech Malta

CCT 222/21/MS

5 ta' Ottubru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fil-31 ta' Dicembru 2021 fejn ippremettew illi huma xtraw airconditioning unit (AC) minghand l-azjenda intimata, liema AC unit ha n-nar rizultat ta' installazjoni hazina da parti tal-azjenda intimata u b'konsegwenza ta' dan diversi oggetti fid-dar taghhom inqerdu. Illi r-rikorrenti ghalhekk qeghdin jitolbu rifuzjoni jew rimpjazzar tal-AC unit mixtri minghand l-azjenda intimata kif ukoll danni kkawzati fl-ammont ta' 1,396.12 rizultat tal-hruq estensiv fid-dar taghhom.

Ra illi l-azjenda intimata, debitament notifikata ma dahlitx risposta u hadd mis-socjeta' intimata ma deher biex jaghti x-xhieda tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi r-rikorrenti xtaw AC unit 24,000 btu tad-ditta Midea f'Awwissu 2017 ghal prezz ta' €1050.00 b'hames snin garanzija fuq *parts and labour.* Ir-rikorrenti tghid li kienu jaghmlu servicing tal-unit spiss. Erba' snin wara, fis-17 ta' Awwissu 2021, ir-rikorrenti xeghelet il-unit u fil-pront dan ha n-nar. Dak iz-zmien ir-rikorrenti kienet tqila u kellha tifel iehor u ghalhekk malli rat il-hruq, harget tigri barra ghand omhha. Sakemm giet lura, n-nar kien kiber sew u cemplet ghal assistenza. Il-pumpiera u l-pulizija gew fuq il-post u ndunaw mal-ewwel li n-nar kien gej mill-AC unit. Il-hsarat kienu konsiderevoli. Ir-rikorrenti cemplu l-azjenda intimata li mal-ewwel qalulhom biex jikuntattjaw l-agenti (Kencar) kif fil-fatt ghamlu. Inbghatu technicians fuq il-post u meta dawn gew fuq il-post

indunaw mal-ewwel li l-problema kienet l-installazzjoni min-naha tal-azjenda intimata. L-AC kien perikoluz u kellu jitnehha mill-post anke minhabba r-riha. Ftehmu mal-azienda intimata li kienu ha jitnehha u gie fuq il-post certu Claude li pero' beda jinnega li l-AC kienu installata hazin u minflok beda jirrabja u qalilhom li jistghu jficcuh bil-Qorti u telaq il-barra. Regghu gew l-agenti Kencar u qalu li l-gonta ta' gewwa u anke dik ta' barra ma kienux installati b'mod professjonali. Minkejja l-fatt li l-azjenda intimata accettaw li jaghtu replacement tal-AC bl-installation, baqghu ma ghamlu xejn.

Illi hadd mill-azjenda intimata ma deher biex jaghti x-xhieda tieghu u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux versioni ohra li jikkontrasta l-versjoni tar-rikorrenti li hija verosimili u anke kkorroborata b'diversi ritratti, rapporti - kemm tal-pulizia kif ukoll rapport guramentat tal-Ing. Steven Galea, u anke minn emails skambjati bejn il-partijiet. Mill-emails jidher li r-rikorrenti gew offruti *replacemenent unit* u anke hlas tad-danni li sofrew, ghalkemm l-azjenda intimata baqghet tirrifjuta r-responsabbilita' ta' dak li gara.

It-Tribunal, wara li ra l-artikoli 56, 57, 58 et seq tal-Kap 378, jidhirlu li t-rikorrenti ghandhom ragun u rnexxielhom jippruvaw l-istanza taghhom sal-grad rikjest mill-ligi. Illi wara li qies ic-cirkostanzi tal-kaz, jidhirlu li fic-cirkostanzi rifuzjon tal-ammont imhallasi tkun iktar xierqa minn rimpjazzar tal-unit.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-azjenda intimata thallashom is-somma ta' elfejn erba mija u sitta u erbghin euro u tnax -il centezmu (€2,446.12), kwantu ghal elf u hamsin euro (€1,050), prezz ta' airconditioner mixtri minghand l-azjenda intimata u kwantu ghal elf tlett mija u sitta u disghin euro u tnax -il centezmu (€1,396.12), danni kkawzati mill-istess airconditioner rizultat ta' hruq konsegwenza ta' installazjoni hazina min-naha tal-azjenda intimata. Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru